MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 600/2002

**Avviz numru 600/2002DM**

**Sterling Parks Co Ltd**

**Vs**

**Alex Aluminium Ext Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf tmien mija u ghoxrin liri Maltin seba u ghoxrin centezmu (Lm1820.27) bilanc ta' somma akbar rapprezentatnti prezz ta' provista ta' fuel moghti lilhom mis-socjeta attrici bejn Settembru 2000 u April 2001 fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju datati Marzu u Settembru, 2002

rispettivament u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l- konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu rapprezentant biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elf tmien mija u ghoxrin liri Maltin seba u ghoxrin centezmu (Lm1820.27) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali b'effett mit-8 t' Ottubru tas-sena 2002; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------